MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 1422/2005

**Andrew Bezzina ID 8858M**

**Vs**

**Carmel Mifsud ID 742554M**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut fl-ewwel lok qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Fit-tieni lok l-istess konvenut qal illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur qal:

“Kien hemm l-ispuction qed tfur, kienet qed taghmel ix-xita u skidjajt go bankina u dahlet vettura ohra warajja ghal fuqi.”

Bhala hsara kellu r-*rear bumper* u r-*rear boot*.

Il-konvenut qal:

“Kont gej, ippruvajt nigbed ‘il barra biex nevitah u spiccajt ghal fuqu.”

Bhala hsara kellu l-*front bumper*, *front left headlight*, *front bonnet* u l-*front left wing*.

Ra l-Officer’s remarks fejn qal:

“Heavy rainfalls, no damage being done to the pavement of central strip.”

Ra x-xhieda ta’ l-attur fejn jghid li skiddja bil-karozza meta kien qieghed idur mar-roundabout. Jghid illi kif kien hiereg mill-karozza tieghu, gie l-konvenut u baqa’ diehel go fih.

Jghid ukoll illi ghadda l-hin minn meta skiddja u waqaf sakemm il-konvenut dahal go fih. Ikkonferma li meta saret il-habta kien hemm l-ispuction tfur minhabba x-xita. L-attur jghid illi ma rahx lill-konvenut qabel l-incident.

Fil-kontro-ezami jghid illi qabel il-habta kien fuq in-naha tal-hajt u mhux fuq in-naha ta’ gewwa.

Jaqbel li l-karozza tieghu spiccat kif muri fl-iskizz izda jghid li wara l-habta kienu qed jghaddu l-karozzi, ghaliex il-konvenut kien halla bizzejjed spazju fuq il-lemin tieghu qabel ir-roundabout.

L-attur jghid li bid-daqqa, kien il-konvenut li dawru ghal barra. Jikkonferma li wara l-incident il-karozzi baqghu kif kienu sakemm gew il-Wardens. Ma jafx b'liema speed kien ghaddej.

Ra x-xhieda ta' Nancy Bezzina fejn tikkonferma x-xhieda ta' l-attur.

Ra x-xhieda ta' W265 Mark Aquilina fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Warden 160 Patrick Attard fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz. Jikkonferma wkoll li dakinhar ta' l-incident kienet hafna xita.

Fil-kontro-ezami jghid li m'hemm l-ebda spakxin ma' l-art.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi dakinhar ta' l-incident kien qieghed idur mar-roundabout u ra l-karozza ta' l-attur qeghda tiskiddja, habat gol-bankina u dar. Jghid illi hu kien qieghed qisu lejn in-nofs tat-triq. Jghid ukoll li meta ra l-karozza ta' l-attur tiskiddja, hu kien distanza ta' xi zewg vetturi.

Il-konvenut jghid illi z-zewg vetturi kienu ghaddejjin bi speed ta' tletin kilometru fis-siegha. Jikkonferma li l-attur kien qieghed isuq iktar lejn ir-roundabout u mbaghad lilu gralu bhall-istess attur u sar l-impatt.

Jghid illi dakinhar kien hemm id-drenagg fit-triq u kienu qalulu lill-Warden.

Ma jaqbilx ezattament ma' l-iskizz minhabba l-fatt li l-karozza ta' l-attur kienet imdawwra iktar, kienet kwazi *parallel* mat-triq.

Fil-kontro-ezami jghid illi hu ra lill-attur jiskiddja izda meta zamm il-brake u kiser fuq il-lemin, il-vettura tieghu skiddjat ukoll.

Fil-kawza **Vella Vs Camilleri - Prim' Awla deciza fid-29 ta' Jannar, 1998 GV** gie ritenut:

"Li f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli. Gie ritenut ukoll *insubjecta materia* li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid."

Illi f'din il-kawza z-zewg persuni nvoluti tilfu l-kontrol tal-vettura minhabba x-xita. M'hemm l-ebda allegazzjoni ta' eccess ta' velocita' da parti ta' wiehed jew l-iehor.

Illi m'hemm l-ebda provi ta' negligenza antecedenti jew konkomitanti da parti tal-konvenut. Lanqas jista' jinghad li m'gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega.

Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------